

Deċiżjoni Vinkolanti 1/2026 dwar it-tilwima sottomessa mill-SA Belġjana dwar Vlaamse Radio- en Televisieomroeporganisatie (Art. 65 tal-GDPR)

Adottata fit-28 ta' Mejju 2026

Werrej

1	Sommarju tat-tilwima.....	4
2	Id-Dritt għal amministrazzjoni tajba.....	6
3	Kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti	7
	3.1 Oġġezzjoni(jiet) espressi minn CSA(s) fir-rigward tal-Abbozz ta' Deċiżjoni	7
	3.2 L-LSA ma ssegwi l-ebda oġġezzjoni(jiet) għall-Abbozz ta' Deċiżjoni jew hija tal-fehma li mhumiex rilevanti jew motivati	7
	3.3 L-ammissibbiltà tal-każ u l-kompetenza tal-EDPB.....	8
	3.4 L-Istruttura tad-deċiżjoni vinkolanti	10
4	Dwar iċ-ċaħda prevista tal-Ilment fl-Abbozz ta' Deċiżjoni	11
	4.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz ta' Deċiżjoni.....	11
	4.2 Sommarju tal-oġġezzjoni mqajma mis-CSA.....	13
	4.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjoni	15
	4.4 Analiżi tal-EDPB	15
	4.4.1 Valutazzjoni dwar jekk l-oġġezzjoni kinitx rilevanti u motivata.....	15
	4.4.2 Valutazzjoni dwar il-merti.....	19
5	Deċiżjoni Vinkolanti	25
6	Kummenti finali	26

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63 u l-Artikolu 65(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "**GDPR**")¹,

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem "**ŻEE**") u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 154/2018 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-6 ta' Lulju 2018²,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (minn hawn 'il quddiem, "**RoP tal-EDPB**")³,

Billi:

(1) Mill-Artikolu 60 tal-GDPR isegwi li l-awtorità superviżorja ewlenija (minn hawn 'il quddiem "**LSA**") għandha tikkooopera mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra (minn hawn 'il quddiem "**CSAs**") fi sforz biex jintlaħaq kunsens, li l-LSA u s-CSAs għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha ma' xulxin, u li l-LSA għandha, mingħajr dewmien, tikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar il-kwistjoni lis-CSAs l-oħra. L-LSA għandha, mingħajr dewmien, tissottometti abbozz ta' deċiżjoni lis-CSAs l-oħra għall-opinjoni tagħhom u tiegħu kont debitu tal-fehmiet tagħhom.

(2) Meta kwalunkwe waħda mis-CSAs tkun esprimiet oġġezzjoni motivata u rilevanti dwar l-abbozz ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 4(24) u mal-Artikolu 60(4) tal-GDPR u l-LSA ma jkollhiex l-intenzjoni li ssegwi l-oġġezzjoni jew tqis li l-oġġezzjoni ma tkunx rilevanti u motivata, l-LSA għandha tissottometti din il-kwistjoni għall-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63 tal-GDPR.

(3) Ir-rwol prinċipali tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem l-"**EDPB**" jew il-"Bord") huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-ŻEE kollha. Għal dan il-għan, skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, l-EDPB għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti dwar il-kwistjonijiet kollha li huma s-suġġett tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati, b'mod partikolari jekk hemmx ksur tal-GDPR.

(4) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-EDPB, skont l-Artikolu 65(2) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 11(4) tal-RoP tal-EDPB, fi żmien xahar wara li l-President tal-EDPB u l-awtorità superviżorja kompetenti (minn hawn 'il quddiem "**SA**") jkun ddeċidew li l-fajl ikun komplut. L-iskadenza tista' tiġi estiża b'xahar ieħor, fid-dawl tal-komplessità tas-suġġett fuq deċiżjoni tal-President tal-EDPB fuq inizjattiva proprja jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tal-EDPB.

(5) F'konformità mal-Artikolu 65(3) tal-GDPR, jekk, minkejja tali estensjoni, l-EDPB ma jkunx jista' jadotta deċiżjoni sal-iskadenza, huwa għandu jagħmel dan fi żmien ġimagħtejn wara l-iskadenza tal-estensjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.

(6) F'konformità mal-Artikolu 11(6) tal-RoP tal-EDPB, it-test bl-Ingliż biss tad-deċiżjoni huwa awtentiku billi huwa l-lingwa tal-proċedura ta' adożzjoni tal-EDPB.

¹ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

² Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'din id-deċiżjoni għandhom jinftehm b'halha referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

³ Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, kif modifikati l-aħħar u adottati fis-6 ta' April 2022.

Adotta d-Deċiżjoni Vinkolanti li ġejja:

1 Sommarju tat-tilwima

- 1 Dan id-dokument fih deċiżjoni vinkolanti adottata mill-EDPB skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR. Id-deċiżjoni tikkonċerna t-tilwima li tirriżulta wara abbozz ta' deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem **"Abbozz ta' Deċiżjoni"**) maħruġ mill-awtorità superviżorja Belġjana ('Autorité de protection des données' jew 'Gegevensbeschermingsautoriteit', minn hawn 'il quddiem **"SA Belġjana"**), imsejħa wkoll f'dan il-kuntest bħala l-**"LSA"**) u l-oġġezzjoni sussegwenti espressa mill-awtorità superviżorja Awstrijaka ("Österreichischen Datenschutzbehörde" minn hawn 'il quddiem **"SA Awstrijaka"**)
- 2 L-Abbozz ta' Deċiżjoni in kwistjoni jirrigwarda lment (minn hawn 'il quddiem, l-**"Ilment"**) sottomess fl-10 ta' Awwissu 2021 lill-SA Awstrijaka dwar każ li jirrigwarda attivitajiet imwettqa minn Vlaamse Radio- en Televisieomroeporganisatie, kumpanija pubblika tax-xandir stabbilita fi Brussell, il-Belġju (minn hawn 'il quddiem, il-**"Kontrollur"** jew **"VRT"**). Fis-6 ta' Ġunju 2023, l-SA Awstrijaka baġtet l-ilment lill-SA Belġjana bħala LSA⁴.
- 3 L-Ilment tressaq minn suġġett tad-**data** (minn hawn 'il quddiem is-**"Suġġett tad-Data"**) li talab **liinoyb** – **"Ċentru Ewropew għad-Drittijiet Diġitali"** mingħajr skop ta' qligħ (minn hawn 'il quddiem, **"⁵NOYB"**) biex jirrappreżentahom skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR (kollettivament minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-**"Ilmentatur"**).
- 4 B'mod partikolari, l-Ilment kien jikkonċerna l-konformità tal-ipproċessar tal-VRT mal-Artikolu 5(1)(a), l-Artikolu 6(1)(a), l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 13(1)(c) tal-GDPR u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u kien wieħed mill-ilmenti multipli mressqa minn NOYB ma' awtoritajiet superviżorji differenti (minn hawn 'il quddiem, **"SAs"**) dwar **"banners tal-cookies"**. L-EDPB stabbilixxa Taskforce⁶ biex tikkordina t-tweġiba għal dawn l-ilmenti billi tiskambja fehmiet fost l-SAs rilevanti u tissimplifika l-komunikazzjoni. Ix-xogħol tal-Taskforce wassal għall-pubblikazzjoni ta' rapport fl-2023⁷.
- 5 L-Abbozz ta' Deċiżjoni jipprevedi ċ-ċaħda tal-Ilment fuq il-bażi li l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi l-abbuż tad-dritt inkiser minħabba allegat abbuż tad-dritt li jitressaq ilment skont l-Artikolu 77 tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 80(1) tal-GDPR⁸. L-Abbozz ta' Deċiżjoni huwa fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tas-Suq Belġjana, li preċedement kienet annullat deċiżjoni oħra tal-SA Belġjana (id-Deċiżjoni 113/2024) talli ma kkonkludietx dwar l-eżistenza ta' abbuż f'każ simili ħafna mressaq minn NOYB⁹.

4 Abbozz ta' Deċiżjoni, paragrafu 3.

5 NOYB hija assoċjazzjoni stabbilita skont il-liġi Awstrijaka: Ir-Reġistru Ċentrali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Awstrija (ZVR) nru 1354838270.

6 Aħbarijiet tal-EDPB, L-EDPB iwaqqaf Taskforce dwar Banner tal-Cookies, 27 ta' Settembru 2021, disponibbli f': https://www.edpb.europa.eu/news/news/2021/edpb-establishes-cookie-banner-taskforce_en.

7 EDPB, Rapport tax-xogħol imwettaq mit-Taskforce dwar Banner tal-Cookies, 18 ta' Jannar 2023, disponibbli f': https://www.edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/other/report-work-undertaken-cookie-banner-taskforce_en.

8 Abbozz ta' Deċiżjoni, paragrafi 21-43 u 46 u paġna 17.

9 Abbozz ta' Deċiżjoni, paragrafi 12-20, li jirreferi għall-Ġudizzju tal-Qorti tal-Appell ta' Brussell (sezzjoni Qorti tas-Suq) tad-19 ta' Marzu 2025 (Mediahuis), nru. 2024/AR/1690.

- 6 It-tabella li ġejja tippreżenta skeda taż-żmien fil-qosor tal-parti tal-avvenimenti tal-proċedura li wasslet għas-sottomissjoni tal-kwistjoni lill-mekkaniżmu ta' konsistenza:

12.08.2025	L-SA Belġjana kkondividiet abbozz ta' deċiżjoni preliminari (minn hawn 'il quddiem, l- "Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari") rigward il-VRT.
01.09.2025	L-SA Awstrijaka pprovdiet kummenti dwar l-Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari ta' Awwissu 2025 fejn iddikjarat li x'aktarx se jkollha tippreżenta oġġezzjoni jekk l-Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari għandu jixxandar bħala abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tal-GDPR ¹⁰ .
18.09.2025	L-SA Belġjana kkondividiet l-Abbozz ta' Deċiżjoni tagħha mas-CSAs f'konformità mal-Artikolu 60(3) tal-GDPR, u dan wassal għall-iskadenza ta' erba' ġimgħat biex jiġu sottomessi oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR.
23.09.2025	L-SA Awstrijaka qajmet oġġezzjoni għall-Abbozz ta' Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem, "Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka") f'konformità mal-Artikolu 60(4) tal-GDPR ¹¹ .
17.10.2025	L-SA Belġjana infurmat lis-CSAs li se tisma' lill-partijiet qabel ma tibda l-proċedura potenzjali tal-Artikolu 65 tal-GDPR, f'konformità mal-Artikolu 11(2)(f) tar-RoP tal-EDPB ¹² .
21.10.2025	L-SA Belġjana esprimiet lill-Kontrollur u lill-Ilmentatur l-intenzjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwima u stednithom jippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub qabel proċedura potenzjali skont l-Artikolu 65 tal-GDPR ¹³ .
01.12.2025	VRT ipprovdiet is-sottomissjonijiet tagħha (minn hawn 'il quddiem, "sottomissjonijiet tal-VRT skont l-Artikolu 65 tal-1 ta' Diċembru 2025").
12.01.2026	NOYB ipprovdiet is-sottomissjonijiet tiegħu, inklużi 12-il Anness (minn hawn 'il quddiem, "is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 ta' NOYB tat-12 ta' Jannar 2026").

10 L-Artikolu 11(2) tar-RoP tal-EDPB jipprevedi li "l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tissottometti l-kwistjoni lis-segretarjat permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura. Fil-każ tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja ewlenija, meta tissottometti l-kwistjoni lis-segretarjat, għandha tinkludi: ... b) sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti". L-SA Belġjana pprovdiet in-Nota ta' Riferiment tagħha lill-EDPB fl-20 ta' Frar 2026, li tiġbor fil-qosor il-fatti ewlenin tal-każ u l-fehmiet tagħhom dwar l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka (minn hawn 'il quddiem, "Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB"). Dan id-dokument ma jwassal għall-ebda element fattwali jew legali ġdid li għandu jiġi invokat mill-EDPB fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti, Riferiment mill-BE SA lill-EDPB, p. 7.

11 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka datata 22 ta' Settembru 2025.

12 Kif imsemmi fir-Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 7.

13 Ittra tal-SA Belġjana lill-VRT u li NOYB, datata l-21 ta' Ottubru 2025.

- 7 Wara l-fatti stabbiliti hawn fuq, fit-28 ta' Jannar 2026, l-SA Belġjana ssottomettiet it-tilwima lill-EDPB f'konformità mal-Artikolu 60(4) tal-GDPR, u b'hekk bdiet il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR bl-użu tas-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem, l-**“IMI”**).
- 8 Is-Segretarjat tal-EDPB ivvaluta l-kompletezza tal-fajl f'isem il-President tal-EDPB skont l-Artikolu 11(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB. Is-Segretarjat tal-EDPB ikkuntattja lill-SA Belġjana fl-10 ta' Frar 2026 biex ifittex kjarifiki dwar liema dokumenti kienu ġew kondiviżi mal-partijiet qabel is-sottomissjoni tat-tilwima lill-EDPB. Fl-10 ta' Frar 2026 u fl-20 ta' Frar 2026, l-SA Belġjana ipprovdiet tali kjarifiki u tellgħet fuq l-IMI dokumenti addizzjonali.
- 9 Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kompletezza tal-fajl, is-Segretarjat tal-EDPB ittraduċa ċerti dokumenti fl-Ingliż skont ir-RoP tal-EDPB¹⁴.
- 10 Kwistjoni ta' importanza partikolari li ġiet skrutinizzata mis-Segretarjat tal-EDPB kienet id-dritt li wieħed jinstema', kif meħtieġ mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, **“Karta”** jew **“CFR”**). Aktar dettalji dwar dan huma pprovduti fit-Sezzjoni 2 ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti.
- 11 Fil-31 ta' Marzu 2026, id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl imbagħad ittiegħdet mill-President tal-EDPB u mill-SA Belġjana f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RoP tal-EDPB. Il-fajl ġie ċċirkolat mis-Segretarjat tal-EDPB lill-membri kollha tal-EDPB fil-31 ta' Marzu 2026.
- 12 Il-President tal-EDPB iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 65(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 11(4) tal-RoP tal-EDPB, li jestendi l-iskeda ta' żmien prestabbilita għall-adozzjoni ta' xahar ieħor b'xahar ulterjuri minħabba l-kumplessità tas-suġġett.

2 Id-Dritt għal amministrazzjoni tajba

- 13 L-EDPB huwa soġġett għall-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 41 (id-dritt għal amministrazzjoni tajba). Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 11(1) tar-RoP tal-EDPB. Aktar dettalji ġew ipprovduti fil-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR¹⁵.
- 14 L-EDPB ivvaluta jekk id-dokumenti kollha rċevuti, li fihom kien fihom il-fatti u l-kwistjonijiet u l-liġi użati mill-EDPB biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'din il-proċedura, qabel kinux ġew kondiviżi mal-Kontrollur u mal-Ilmentatur, u jekk kinux ingħataw l-opportunità li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu fir-rigward tal-proċedura immexxija mill-SA Belġjana u l-kwistjoni tat-tilwima li kellha tiġi riżolta mill-EDPB. Fir-rigward tal-Ilmentatur, l-EDPB jissottolinja b'mod

14 L-Artikolu 11(2) tar-RoP tal-EDPB jipprevedi li “kull [m]eta jkun meħtieġ, id-dokumenti sottomessi mill-awtorità kompetenti jiġu tradotti għall-Ingliż mis-segretarjat” u li “l-awtorità kompetenti” teħtieġ li taqbel dwar it-traduzzjoni. Fost l-annessi tas-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 ta' NOYB tat-12 ta' Jannar 2026, kien hemm xi deċiżjonijiet adottati mill-Awtoritajiet Superviżorji li ma kinux disponibbli bl-Ingliż. Dawn id-deċiżjonijiet ġew ipprovduti bit-Italjan, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż u bil-Franċiż. It-traduzzjoni tad-dokumenti ġiet mogħija għall-provi u vvalidata mill-SAs li ħarġu tali deċiżjonijiet jew li kellhom il-lingwa tad-deċiżjoni bħala lingwa uffiċjali (IT SA, ES SA, AT SA, u BE SA). Wara l-validazzjoni tat-traduzzjonijiet, id-dokumenti tradotti żdiedu mal-fajl mis-Segretarjat tal-EDPB fit-23 ta' Marzu 2026.

15 Linji Gwida tal-EDPB 3/2021 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, adottati fl-24 ta' Mejju 2023 (verżjoni wara konsultazzjoni pubblika) (minn hawn 'il quddiem, **“Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR V2.0”**) paragrafi 93-107 u Linji Gwida tal-EDPB 3/2021 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, adottati fit-13 ta' April 2021 (verżjoni għall-konsultazzjoni pubblika) (minn hawn 'il quddiem, **“Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) GDPR V1.0”**), paragrafi 94-108 (it-tnejn li huma msemmija minn hawn 'il quddiem **“Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a)”**).

partikolari li l-Ilmentatur jista' potenzjalment jiġi affettwat ħażin mill-eżitu ta' din il-proċedura speċifika peress li t-tilwima tappartjeni għaċ-ċaħda tal-Ilment.

- 15 L-EDPB huwa tal-fehma li kemm il-Kontrollur kif ukoll l-Ilmentatur kienu rċevew l-opportunità li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu fir-rigward tad-dokumenti li fihom il-kwistjonijiet ta' fatt u liġi kkunsidrati u indirizzati mill-EDPB biex isolvi t-tilwima fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti. L-osservazzjonijiet miktuba tagħhom ġew maqsuma mal-EDPB mill-BE SA¹⁶.
- 16 Madankollu, għal raġunijiet ta' trasparenza, il-VRT u NOYB ġew ipprovduti b'dokumenti speċifiċi li ma kinx irċevew qabel, permezz tal-ittri tal-President tal-EDPB tat-12 ta' Marzu 2026¹⁷. Dawn id-dokumenti speċifiċi ma ġabu l-ebda elementi ġodda fattwali jew legali li fuqhom seta' jiddependi l-EDPB fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti. B'hekk, il-VRT u NOYB ġew offruti l-opportunità li jikkondividu osservazzjonijiet ulterjuri li jista' jkollhom. Dawn l-osservazzjonijiet bil-miktub ġew ipprovduti mill-VRT u minn NOYB fis-26 ta' Marzu 2026 u sussegwentement ġew miżjuda mal-fajl (minn hawn 'il quddiem, **"Sottomissjonijiet tal-VRT lill-EDPB tas-26 ta' Marzu 2026"** u **"Sottomissjonijiet ta' NOYB lill-EDPB tas-26 ta' Marzu 2026"** rispettivament).
- 17 Għalhekk, l-EDPB jinnota li kemm il-VRT u NOYB rċevew l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom dwar l-elementi legali u fattwali kollha użati mill-EDPB biex jieħu din id-deċiżjoni.

3 Kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti

- 18 Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-EDPB huma stabbiliti fl-Artikolu 60(4) u l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR¹⁸.

3.1 Oġġezzjoni(jiet) espressi minn CSA(s) fir-rigward tal-Abbozz ta' Deċiżjoni

- 19 L-EDPB jinnota li l-SA Awstrijaka qajmet oġġezzjoni għall-Abbozz ta' Deċiżjoni permezz tal-IMI skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR¹⁹.

3.2 L-LSA ma ssegwi l-ebda oġġezzjoni(jiet) għall-Abbozz ta' Deċiżjoni jew hija tal-fehma li mhumex rilevanti jew motivati

- 20 Fis-17 ta' Ottubru 2025, l-SA Belġjana pprovdiet lill-CSAs bl-analiżi tagħha tal-oġġezzjoni mressqa mill-SA Awstrijaka. L-SA Belġjana ċċarat li tqis l-oġġezzjoni mressqa mill-SA Belġjana *prima facie* bħala rilevanti u motivata, u temmen li r-riferiment huwa ammissibbli taħt il-mekkaniżmu tal-proċedura ta' tilwim, peress li l-kwistjoni tikkonċerna l-interpretazzjoni ta'

16 Kif imsemmi hawn fuq fil-paragrafu 6 ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti, fil-21 ta' Ottubru 2025, l-SA stiednet lill-Kontrollur u lill-Ilmentatur biex jissottomettu l-pożizzjonijiet tagħhom qabel proċedura potenzjali tal-Artikolu 65 tal-GDPR u għalhekk fil-kuntest ta' dik il-proċedura. Il-Kontrollur ipprova sottomissjonijiet bil-miktub fis-1 ta' Diċembru 2025 u fis-19 ta' Jannar 2026. L-Ilmentatur ipprova sottomissjonijiet bil-miktub fit-12 ta' Jannar 2026.

17 B'mod partikolari, ir-Riferiment mill-SA lill-EDPB u l-Abbozz ta' Deċiżjoni Preliminari ġew kondiviżi mal-Ilmentatur u mal-VRT - ara l-ittri tal-President tal-EDPB lill-VRT u lil NOYB tat-12 ta' Marzu 2026.

18 Skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti meta awtorità superviżorja tkun qajmet oġġezzjoni rilevanti u motivata għal abbozz ta' deċiżjoni tal-LSA u l-LSA ma tkunx ħadet azzjoni dwar l-oġġezzjoni jew l-LSA tkun ċaħdet tali oġġezzjoni għar-raġuni li ma tkunx rilevanti jew motivata.

19 Oġġezzjoni tal-SA, datata 22 ta' Settembru 2025.

prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE dwar dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 77 tal-GDPR flimkien mal-Artikolu u l-Artikolu 80(1) tal-GDPR²⁰. Madankollu, l-SA Belġjana kkonkludiet li ma ssegwix l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka minħabba d-differenzi fil-ġurisprudenza nazzjonali fil-Belġju u fl-Awstrija rigward din il-kwistjoni²¹.

3.3 L-ammissibbiltà tal-każ u l-kompetenza tal-EDPB

- 21 Il-każ inkwistjoni jissodisfa, *prima facie*, l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, peress li l-SA Awstrijaka qajmet oġġezzjoni għall-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-SA Belġjana sal-iskadenza prevista mill-Artikolu 60(4) tal-GDPR, u l-SA Belġjana ma segwietx din l-oġġezzjoni.
- 22 Meta jitqies dan ta' hawn fuq, b'mod partikolari li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR huma ssodisfati, l-EDPB huwa kompetenti biex jadotta deċiżjoni vinkolanti, li għandha tikkonċerna l-kwistjonijiet kollha li huma s-suġġett tal-oġġezzjoni rilevanti u motivata, b'mod partikolari jekk hemmx ksur tal-GDPR jew jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew tal-proċessur tikkonformax mal-GDPR.²²
- 23 L-EDPB ifakkar li d-deċiżjoni kurrenti tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħrajn, inkluż mal-istess partijiet, filwaqt li jitqiesu l-kontenut(i) tal-Abbozz ta' Deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajmin mis-CSA(s).
- 24 Il-VRT targumenta li l-kwistjoni kkonċernata taqa' barra mill-kompetenza tal-EDPB²³, għal żewġ raġunijiet ewlenin.
- 25 L-ewwel nett, il-VRT issostni li l-EDPB ma għandu l-ebda awtorità rigward tilwima dwar abbozz ta' deċiżjoni li ma tikkonċernax ksur tal-GDPR.²⁴ Skont VRT, il-fatt li din it-tilwima waħedha ma tikkonċernax jekk il-kontrollur kisirx il-GDPR, iġib it-tilwima barra mill-mandat tal-EDPB²⁵. Il-VRT targumenta wkoll li d-deċiżjonijiet preċedenti kollha tal-EDPB dejjem kienu jikkonċernaw il-ksur tal-GDPR minn kontrollur²⁶.
- 26 Fir-rigward ta' dan l-ewwel argument, l-EDPB ifakkar li, skont l-Artikolu 65(1) tal-GDPR u l-Artikolu 70(1)(a) tal-GDPR, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim huwa tabilħaqq maħsub

20L-analiżi tal-SA Belġjana ġiet inizjalment ipprovduta permezz tal-IMI (il-pjattaforma IT biex tappoġġja l-kooperazzjoni u l-proċeduri ta' konsistenza skont il-GDPR), iżda l-kontenut tagħha huwa l-istess bħal dak ipprovdut lill-EDPB fil-kuntest tal-proċedura tal-Artikolu 65 tal-GDPR fir-Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 8.

21 Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 8.

22 L-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR u l-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

23 Is-sottomissjonijiet tal-VRT skont l-Artikolu 65 tal-1 ta' Diċembru 2025, paragrafi 8–14, u tad-19 ta' Jannar 2026, paragrafi 8–14 u l-paragrafu 37.

24 Is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tal-1 ta' Diċembru 2025, paragrafi 8-9, paġna 7, is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tad-19 ta' Jannar 2026, paragrafi 8-9, paġna 7, u s-Sottomissjonijiet tal-VRT lill-EDPB tas-26 ta' Marzu 2026, Sezzjoni 2, paġna 3. Skont il-VRT, l-awtorità tal-EDPB li tadotta deċiżjoni vinkolanti f'konformità mal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR hija "relatata mal-iskop" - tfittex li "tiżgura l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-GDPR" u dan huwa b'mod partikolari fir-rigward ta' "jekk hemmx ksur ta' dan ir-Regolament" - aspett enfasizzat mill-Artikolu 65(1)(a) [tal-GDPR], l-Artikolu 70(1)(a) tal-GDPR, kif ukoll mill-premessa 136 tal-GDPR, is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tad-19 ta' Jannar 2025, paġna 6, il-paragrafu 8 u s-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tad-19 ta' Jannar 2026, paġna 6, paragrafu 8.

25 Skont il-VRT, għalkemm "il-kwistjoni inkwistjoni tassew ma ssemmix l-Artikolu 80(1) [GDPR] flimkien mal-Artikolu 77 tal-GDPR", l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka ma tirrigwardax il-fatt li waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 77 tal-GDPR jew tal-Artikolu 80(1) tal-GDPR kienet miksura u, f'kull każ, "anke jekk l-Artikolu 77 [tal-GDPR] u/jew l-Artikolu 80(1) tal-GDPR ma jkunux rispettati, dan ma jistax jiġi attribwit lil VRT", peress li dawn l-artikoli ma jpoġġu ebda obbligu fuq kontrollur, sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 ta' VRT tal-1 ta' Diċembru 2025 paragrafu 12, paġna 7 u sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tad-19 ta' Jannar 2026, paragrafu 12, paġna 7.

26 Is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tal-1 ta' Diċembru 2025, paragrafu 9, paġna 7, u s-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tad-19 ta' Jannar 2026, paragrafu 9, paġna 7.

biex jiżgura l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-GDPR f'każijiet li jinvolvu l-ipproċessar transkonfinali ta' *data* personali.

- 27 Madankollu, biex kwistjoni tikkonċerna l-applikazzjoni tal-GDPR, mhux neċessarjament għandha tikkonċerna jekk il-kontrollur wettaqx ksur tal-GDPR. Il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti turi b'mod ċar li l-EDPB hija kompetenti biex tirriżolvi tilwim bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR ukoll fuq mistoqsijiet oħra, jiġifieri, "*jekk l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew tal-ipproċessatur tikkonforma mal-[GDPR]*"²⁷. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, id-deċiżjonijiet vinkolanti tal-EDPB "għandhom jikkonċernaw il-kwistjonijiet kollha li huma s-suġġett tal-oġġezzjoni rilevanti u motivata, *b'mod partikolari* jekk hemmx ksur tal-[GDPR]" (enfażi miżjuda). Il-premessa 136 tal-GDPR tispjega wkoll li l-Bord huwa "mogħti s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet legalment vinkolanti [...] fejn ikun hemm fehmiet konfliġġenti fost l-awtoritajiet superviżorji, b'mod partikolari fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità superviżorji ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar il-merti tal-każ, *b'mod partikolari* jekk hemmx ksur tal-[GDPR]" (enfażi miżjuda).
- 28 Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-EDPB huwa kompetenti biex jindirizza l-merti tal-oġġezzjonijiet kollha li jinstabu li huma rilevanti u motivati, u huwa kompetenti biex isolvi tilwim ukoll dwar l-azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur, inklużi l-miżuri korrettivi previsti jew id-deċiżjoni prevista għaċ-ċaħda jew ir-rifjut ta' lment²⁸.
- 29 L-SA Awstrijaka tesprimi "tħassib dwar il-valutazzjoni legali u l-aspetti proċedurali"²⁹ u tqajjem oġġezzjoni li tikkonċerna "ċ-ċaħda ta' dan l-ilment fuq il-bażi li l-każ jinvolvi abbuż apparenti tal-liġi fit-tressiq tal-ilment"³⁰. Jekk oġġezzjoni bħal din titqies rilevanti u motivata skont it-tifsira tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, li hija analizzata hawn taħt, allura huwa d-dover legali tal-EDPB li jikkunsidraha u jadotta deċiżjoni vinkolanti li tissolva t-tilwima bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza.
- 30 B'mod aktar ġenerali, kif indikat minn NOYB, il-kompetenza tal-EDPB tikkonċerna l-konsistenza tal-applikazzjoni tal-GDPR fl-intier tiegħu, u mhux biss tad-dispożizzjonijiet tiegħu li jimponu obbligi fuq il-kontrolluri u l-proċessuri³¹.

27 L-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

28 L-Artikolu 4(24) tal-GDPR jiċċara li "oġġezzjoni rilevanti u motivata" hija "oġġezzjoni għal abbozz ta' deċiżjoni dwar jekk hemmx ksur tal-[GDPR], jew jekk azzjoni prevista fir-rigward tal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax mal-[GDPR]" (enfażi miżjuda). Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR V2.0, paragrafu 92 u l-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR V1.0, paragrafu 92 u l-Linji Gwida tal-EDPB 9/2020 dwar il-kunċett ta' oġġezzjoni rilevanti u motivata, verżjoni 2.0 (wara konsultazzjoni pubblika) adottati fid-9 ta' Marzu 2021 (minn hawn 'il quddiem, "**Linji Gwida dwar l-RRO**"), paragrafu 32. Fid-deċiżjonijiet obbligatorji preċedenti tal-EDPB skont l-Artikolu 65(1)(a), l-EDPB indirizzat il-merti tal-oġġezzjonijiet mhux biss dwar jekk il-kontrollur jew il-proċessur kiser il-GDPR, iżda wkoll dwar oġġezzjonijiet rigward l-ambitu previst tal-investigazzjoni jew il-miżuri korrettivi - ara d-Deċiżjoni Vinkolanti 1/2020 tal-EDPB, adottata fid-9 ta' Novembru 2020, sezzjoni 8.4.2; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 1/2021, adottata fit-28 ta' Lulju 2021, sezzjonijiet 8.4.2 u 9; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 1/2022, adottata fl-15 ta' Ġunju 2022, sezzjoni 5.4.2; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 2/2022, adottata fit-28 ta' Lulju 2022, sezzjoni 7.4.2; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 3/2022, adottata fil-5 ta' Diċembru 2022, sezzjonijiet 5.4.2, 8.4.2 u 9; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 4/2022, adottata fil-5 ta' Diċembru 2022, sezzjonijiet 5.4.2, 8.4.2 u 9; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 5/2022, adottata fil-5 ta' Diċembru 2022, sezzjonijiet 6.1.4, 8.4.2 u 9; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 1/2023, adottata fit-13 ta' April 2023, sezzjonijiet 4.4.2 u 5.4.2; Deċiżjoni Vinkolanti tal-EDPB 2/2023, adottata fit-2 ta' Awwissu 2023 (minn hawn 'il quddiem sezzjoni 6.4.2. Fir-rigward tad-Deċiżjoni Vinkolanti 3/2022, id-Deċiżjoni Vinkolanti 4/2022 u d-Deċiżjoni Vinkolanti 5/2022 u tal-validità tal-istruzzjoni tal-EDPB lil-LSA biex twettaq aktar investigazzjoni, ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2025 fil-Kawżi Magħquda *Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*, T-70/23, T-84/23 u T-111/23, ĠU C 127.

29 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, p.1.

30 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni I, paġna 2.

31 Is-sottomissjonijiet ta' NOYB skont l-Artikolu 65 tal-12 ta' Jannar 2026, paragrafu 104 ("Li jsegwi l-argument ta' [VRT] skont liema l-allegat "abbuż tad-dritt" biex jitressaq ilment għandu jiġi eskluż mill-kompetenza tal-EDPB iwassal għal sitwazzjoni teoretika fejn l-EDPB ma jkollhiex il-kompetenza li tivvaluta l-ammissibbiltà tal-ilmenti iżda biss mistoqsijiet dwar il-liġi materjali. Dan iwassal biex titnaqqas il-kompetenza tal-EDPB għal, [pereżempju], l-Artikoli 1 sa 50 tal-[GDPR], iżda mhux għall-Artikoli 51 sa 77 jew 80 tal-GDPR, b'mod li ma tkunx aktar kapaċi tiżgura "l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-GDPR").

- 31 It-tieni nett, il-VRT tgħanna li “l-EDPB ma jistax jiddetermina f’liema ċirkostanzi ilmentatur (jew ir-rappreżentant tiegħu) qed jabbuża mid-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 77 [tal-GDPR] [flimkien mal-]Artikolu 80(1) tal-GDPR minħabba li l-abbuż tad-drittijiet mhuwiex kwistjoni relatata mal-GDPR” iżda “prinċipju ġenerali tal-UE, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE”³².
- 32 L-SA Belġjana tindika li “l-kwistjoni [tar-riferiment] tikkonċerna l-interpretazzjoni ta’ prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-GDPR, b’mod partikolari l-Artikolu 77 [tal-GDPR] [flimkien mal-] Artikolu 80(1) tal-GDPR”³³. Madankollu, l-SA Belġjana ma tikkontestax il-kompetenza tal-EDPB li jindirizza l-kwistjoni.
- 33 Il-kompetenza tal-EDPB li jindirizza kwalunkwe tilwima mressqa permezz ta’ oġġezzjoni rilevanti u motivata għal abbozz ta’ deċiżjoni li tikkonċerna l-konformità tal-azzjoni prevista mal-GDPR tinkludi neċessarjament ukoll tilwimiet dwar jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR ġewx applikati b’mod korrett. It-tilwima f’dan il-każ tirrigwarda preċiżament jekk l-Artikolu 57(4) tal-GDPR, l-Artikolu 77 tal-GDPR u l-Artikolu 80 tal-GDPR ġew applikati b’mod korrett. Fejn ikun meħtieġ, din l-evalwazzjoni trid tqis ukoll il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE, bħal dak li jipprojbixxi l-abbuż tad-drittijiet.
- 34 Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn ’il quddiem, “**QĠUE**”), l-Artikolu 57(4) tal-GDPR jirrifletti u huwa espressjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE li d-dritt tal-UE ma jistax jiġi invokat għal finijiet abbużivi jew frodulent³⁴. Din ir-rabta bejn l-Artikolu 57(4) tal-GDPR u l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE li jipprojbixxi l-abbuż tad-drittijiet ġiet enfasizzata wkoll mill-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka³⁵. Għaldaqstant, is-suġġett tal-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka huwa relatat ukoll mal-applikazzjoni tal-Artikolu 57(4) tal-GDPR u mal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi l-abbuż tad-drittijiet fil-kuntest tas-sottomissjoni ta’ lmenti skont il-GDPR, li għalih l-EDPB huwa kompetenti biex jadotta deċiżjoni vinkolanti.
- 35 Barra minn hekk, l-EDPB ifakkar li l-Qorti Ġenerali enfasizzat li oġġezzjoni rilevanti u motivata tirrigwarda aspetti li l-analiżi tagħhom taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni taż-żewġ kompiti tal-Awtoritajiet Superviżorji biex jimmonitorjaw u jinfurzaw l-applikazzjoni tal-GDPR u jittrattaw ilmenti sal-punt xieraq skont l-Artikolu 57(1)(a) tal-GDPR u l-Artikolu 57(1)(f) tal-GDPR³⁶. Il-kunflitt fil-każ preżenti wkoll jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta’ dawn iż-żewġ kompiti mill-SAs.
- 36 Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, l-EDPB huwa tal-fehma li s-suġġett ta’ din il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim jaqa’ fil-kompetenza tal-EDPB kif deskritt mill-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR u l-Artikolu 70(1)(a) tal-GDPR. Jekk l-EDPB tqis l-oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka bħala ‘rilevanti u motivata’, se tkompli bl-evalwazzjoni tal-merti tagħha.

3.4 L-Istruttura tad-deċiżjoni vinkolanti

- 37 Għall-oġġezzjoni mqajma mill-SA Awstrijaka, l-EDPB jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tagħha, billi l-ewwel jivvaluta jekk tistax titqies bħala “oġġezzjoni rilevanti u motivata” fit-tifsira tal-

32 Is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tal-1 ta’ Diċembru 2025, paragrafu 13, paġna 7, u s-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tal-19 ta’ Jannar 2026, paragrafu 13, paġna 7.

33 Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 8.

34 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta’ Jannar 2025 fil-kawża *Österreichische Datenschutzbehörde vs F R*, C-416/23, ECLI:EU:C:2025:3, paragrafu 49 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Marzu 2026 fil-kawża *Brlen Rottler GmbH & Co. KG vs TC*, C-526/24, ECLI:EU:C:2026:216, paragrafu 30.

35 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, paġna 4 li tirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta’ Jannar 2025 fil-kawża *Österreichische Datenschutzbehörde vs F R*, C-416/23, ECLI:EU:C:2025:3, il-paragrafi 49 et seq.

36 Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta’ Jannar 2025, fil-Kawża konġunti *Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data vs Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*, T-70/23, T-84/23 u T-111/23, ĠU C 127, paragrafu 50.

Artikolu 4(24) tal-GDPR kif iċċarat fil-linji gwida dwar il-kunċett ta' oġġezzjoni rilevanti u motivata³⁷.

- 38 Meta l-EDPB isib li oġġezzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dik l-oġġezzjoni f'dan il-każ speċifiku. L-EDPB janalizza l-merti tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma mill-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka jekk iqis l-oġġezzjoni rilevanti u motivata³⁸.

4 Dwar iċ-ċaħda prevista tal-Ilment fl-Abbozz ta' Deċiżjoni

4.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz ta' Deċiżjoni

- 39 Fl-Abbozz ta' Deċiżjoni tagħha, l-SA Belġjana tibda billi tfakkar l-investigazzjonijiet preċedenti mwettqa mis-Servizz ta' Spezzjoni tal-SA Belġjana u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula minn NOYB fuq is-sit web tagħhom³⁹. L-SA Belġjana tirreferi wkoll għal deċiżjoni preċedenti tal-Qorti Belġjana tas-Suq fil-kawża *Mediahuis*⁴⁰, li fuqha huwa bbażat fil-biċċa l-kbira l-Abbozz ta' Deċiżjoni⁴¹. B'mod aktar speċifiku, skont l-Abbozz ta' Deċiżjoni, l-Ilment għandu jiġi miċħud minħabba abbuż apparenti tad-dritt li jitressaq ilment skont l-Artikolu 77 tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 80(1) tal-GDPR⁴².
- 40 L-SA Belġjana tikkunsidra li l-aspetti essenzjali tal-Ilment ġew identifikati minn NOYB u mhux mis-Suġġett tad-Data, peress li, skont l-SA Belġjana, dan tal-aħħar ingħata istruzzjonijiet dwar kif jressaq l-Ilment⁴³. Fil-fehma tal-SA Belġjana, l-Ilment isegwi l-oġġettivi ta' politika ta' NOYB marbuta ma' interessi għajr dawk ta' suġġett tad-*data* individwali (pereżempju, l-oġġettivi strateġiċi tal-bord jew ix-xewqat tad-donaturi) u li jistgħu de facto jieħdu preċedenza fuq l-obbligu f'dan il-kuntest⁴⁴.
- 41 L-SA Belġjana tirreferi għall-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-abbuż tal-liġi u hija tal-fehma li fil-każ inkwistjoni hemm abbuż tal-liġi, minħabba li **kemm il-komponent oġġettiv kif ukoll dak suġġettiv tal-abbuż**, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza tal-QĠUE, huma preżenti⁴⁵.

37 Il-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-RRO.

38 "L-EDPB se jivvaluta, fir-rigward ta' kull oġġezzjoni mqajma, jekk l-oġġezzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 (24) tal-GDPR u, jekk hu hekk, jindirizza l-merti tal-oġġezzjoni fid-deċiżjoni vinkolanti." Ara l-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR V2.0, paragrafu 63 u l-Linji Gwida tal-EDPB dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR V1.0, paragrafu 63.

39 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni II.1, paġna 4-6.

40 Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Brussell (is-sezzjoni tal-Qorti tas-Suq) tad-19 ta' Marzu 2025 (*Mediahuis*), Nru 2024/AR/1690.

41 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni II.2, paġni 6-7.

42 Abbozz ta' Deċiżjoni, "Tħassib", p. 1.

43 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III, paragrafu 21 - skont l-SA Belġjana, dawn l-aspetti essenzjali jinkludu l-ilmenti ddikjarati iżda wkoll l-identità tal-kontrolluri mmirati; l-SA Belġjana tinnotta li NOYB semmiet b'mod espliċitu "lista fil-mira".

44 Abbozz ta' deċiżjoni, Sezzjoni III, paragrafu 23.

45 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1, paragrafi 24-43.

42 L-SA Belġjana tqis li hemm għadd ta' elementi li jippruvaw il-**komponent oġġettiv tal-abbuż**⁴⁶, jiġifieri “sett ta' ċirkostanzi oġġettivi li permezz tagħhom, minkejja l-konformità formali mal-kundizzjonijiet imposti mir-regoli tal-Unjoni Ewropea, l-għan mistenni minn dawk ir-regoli ma ġiex milfuq”⁴⁷, jiġifieri:

- Ġie segwit approċċ standardizzat ta' sottomissjoni f'ammont kbir u intuża proċess awtomatizzat għall-ġenerazzjoni ta' lmenti; diversi lmenti ġew redatti u ffirmati bl-istess mod⁴⁸;
- is-suġġett tad-*data* ma jappartjenix għall-udjenza medja tal-mira ta' sit web Belġjana bl-Olandiż u l-inizjattiva biex jitressqu l-lmenti bla dubju hija f'idejn NOYB⁴⁹;
- kien hemm relazzjoni ta' xogħol bejn is-Suġġett tad-*Data* u NOYB fil-ħin meta t-talba ġiet sottomessa⁵⁰ u s-Suġġett tad-*Data* awtorizza lil NOYB wara li d-dettalji tal-proġett kienu ġew spjegati u l-kontrolluri identifikati minn NOYB⁵¹;
- dan il-proġett immexxi mill-assoċjazzjoni jiddevja mill-“ittra u l-ispirtu” ta' x'jenħtieġ li tinvolvi relazzjoni ta' mandat skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 142 tal-GDPR⁵², meta wieħed iqis li l-assenjazzjoni għandha tkun f'direzzjoni waħda: mis-suġġett tad-*data* għar-rappreżentant, u mhux bil-mod l-ieħor⁵³; l-ilmenti huma fabbrikati fi ħdan struttura fittizja mhux prevista mil-leġiżlatur skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR⁵⁴;
- l-għan maħsub tad-dritt li jitressaq ilment billi jingħata mandat lil organizzazzjoni, previst mill-Artikolu 77 tal-GDPR u l-Artikolu 80(1) tal-GDPR, ma jiġix rispettati f'dan il-każ u hemm ċirkomvenzjoni ċara u intenzjonata minn NOYB tal-oġġettivi ta' dawn id-dispożizzjonijiet legali⁵⁵.
- fl-identifikazzjoni tal-iskop tal-leġiżlatur mal-Artikolu 80(1) tal-GDPR, l-eżistenza tal-Artikolu 80(2) tal-GDPR hija importanti – il-leġiżlatur Ewropew ma kellux l-intenzjoni li l-assoċjazzjonijiet jistgħu “ifittxu” mandat skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR abbażi tal-prijoritajiet u l-istrateġiji proprji tagħhom, minħabba li tali inizjattivi “mmexxija mill-assoċjazzjoni” huma preċiżament l-intenzjoni tal-Artikolu 80(2) tal-GDPR⁵⁶. L-Artikolu 80(2) tal-GDPR jippermetti lil-leġislaturi nazzjonali li jipprovdu lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati l-possibbiltà li jressqu lmenti b'mod komprensiv, meta jemmnu li d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-GDPR ġew miksura bħala riżultat tal-ipproċessar⁵⁷. L-ebda wieħed mil-leġislaturi Awstrijani jew Belġjani ma ħa vantaġġ minn din il-possibbiltà⁵⁸.

46 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafi 29-38.

47 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.1, paragrafu 26.

48 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 29(a).

49 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 29(b) u paragrafu 29(c).

50 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 29(d).

51 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 29(e).

52 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafi 29(d) u 30.

53 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 30.

54 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 31.

55 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 38.

56 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 32.

57 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 34.

58 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 35.

- 43 L-SA Belġjana tikkunsidra li l-**komponent suġġettiv tal-abbuż**, huwa wkoll preżenti, jiġifieri l-intenzjoni li tikseb vantaġġ mogħti mir-regoli tal-Unjoni billi jinħolqu b'mod artifiċjali l-kundizzjonijiet li taħthom joħroġ id-dritt għal dak il-vantaġġ⁵⁹. Skont l-SA Belġjana, l-abbuż tal-liġi huwa bbażat fuq ċirkomvenzjoni⁶⁰ minħabba li:
- In-NOYB qed tfittex li jkollha s-setgħa li tressaq proċeduri quddiem l-SA Belġjana għall-proġett tagħha ta' "ilmenti dwar il-banner tal-cookies"⁶¹; is-setgħa li tressaq il-proċeduri ma jistax jeżisti mingħajr is-suġġett tad-*data* bħala individwu fil-liġi Belġjana jew Awstrijaka (fejn l-Artikolu 80(2) tal-GDPR ma ġiex implimentat)⁶²;
 - NOYB tistaqsi lit-trainees jew lill-persunal jekk iridu jsiru suġġetti tad-*data* f'każijiet mudell biex b'mod artifiċjali jaqgħu taħt l-Artikolu 80(1) tal-GDPR – l-inċitament biex jinholq perkors legali lejn l-SA Belġjana jikkostitwixxi l-element suġġettiv tal-liġi dwar l-abbuż minn naħa ta' NOYB⁶³.
 - il-benefiċċju huwa mmirat biex isegwi l-oġġettivi ġenerali (politika) ta' NOYB, li jidher ċar mid-dikjarazzjonijiet fuq is-sit web tan-NOYB, li jiddikjaraw li "NOYB għandha l-għan li ttemm il-"cookie banner terror" billi tippreżenta l-ilmenti⁶⁴.
- 44 Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u b'referenza għall-ġurisprudenza tal-QĠUE⁶⁵, l-SA Belġjana hija tal-fehma li jkollha tirrifjuta l-użu ta' NOYB mid-dritt li tressaq ilment skont l-Artikolu 77 tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 80(1) tal-GDPR⁶⁶.

4.2 Sommarju tal-oġġezzjoni mqajma mis-CSA

- 45 L-SA Awstrijaka tqajjem oġġezzjoni skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR u l-Artikolu 60(4) tal-GDPR kontra ċ-ċaħda tal-Ilment minħabba li l-każ jinvolvi abbuż apparenti tal-liġi. L-SA Awstrijaka titlob li l-SA Belġjana toħroġ deċiżjoni dwar il-merti u tittratta l-Ilment skont l-Artikolu 57(1)(f) tal-GDPR⁶⁷.
- 46 L-SA Awstrijaka tenfasizza li l-Ilment jifforma parti mill-hekk imsejja lmenti "Banner tal-Cookies" li NOYB ippreżentat ma' diversi SAs u li l-ebda awtorità superviżorja oħra ma kkunsidrat li dawn l-ilmenti jikkostitwixxu "abbuż apparenti tal-liġi"⁶⁸. L-SA Awstrijaka tikkunsidra, għalhekk, li l-SA Belġjana għandha tanalizza l-Ilment fuq il-mertu tagħha u ma tiċħadx l-Ilment fuq il-bażi ta' abbuż apparenti tal-liġi⁶⁹.
- 47 Biex tappoġġja l-fehma tagħha, l-SA Awstrijaka tirreferi għall-ġurisprudenza Ewropea u nazzjonali li tittratta l-kwistjoni jekk kienx hemm abbuż mid-dritt li tressaq ilment skont l-Artikolu 77 tal-GDPR⁷⁰. L-ewwel nett, l-SA Awstrijaka tibbaża fuq deċiżjoni preċedenti mill-Qorti Amministrattiva Federali Awstrijaka: din il-Qorti sostniet, f'każ simili, li ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-eżistenza ta' prokura valida [li tirreferi għall-mandat ta' NOYB], indikat li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 80(2) tal-GDPR fil-liġi Awstrijaka ma setax ifisser li impjegati

59 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.2, paragrafu 26.

60 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.1, paragrafu 27.

61 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.3, paragrafu 39.

62 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.3, paragrafu 39.

63 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.3, paragrafu 40.

64 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.3, paragrafu 40.

65 L-SA Belġjana tirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2023 f'kawża konġunti *VK u Oħrajn vs BMW Bank GmbH u Oħrajn*, C-38/21, C-47/21 u C-232/21, ECLI:EU:C:2023:1014, paragrafu 283.

66 Abbozz ta' Deċiżjoni, Sezzjoni III.1.4, paragrafu 41.

67 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, paġna 6 (li tirreferi wkoll għall-Premessa 141 tal-GDPR u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Jannar 2025 fil-kawża *Österreichische Datenschutzbehörde vs F R*, C-416/23, ECLI:EU:C:2025:3, il-paragrafu 25).

68 L-oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, p. 2.

69 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, paġna 6.

70 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, paġna 4-5.

jew membri ta' assoċjazzjoni bħal NOYB ma tħallewx jippreżentaw ilmenti individwali dwar il-protezzjoni tad-*data* f'każ ta' allegat ksur li jirriżulta mill-attivitàjiet personali tagħhom, u enfasizzat li l-GDPR ma jqisx il-motiv tas-suġġett tad-*data* b'rabta ma' attività li fl-aħħar mill-aħħar hija rilevanti skont il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*⁷¹.

- 48 L-SA Awstrijaka tirreferi wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tgħid li "hemm, fid-dritt tal-UE, prinċipju ġenerali legali li d-dritt tal-UE ma jstax jintuża għal finijiet abbużivi jew frodulent" u li 'tista' ssir konklużjoni ta' intenzjoni abbużiva jekk persuna tkun ippreżentat ilmenti f'ċirkostanzi fejn ma kienx meħtieġ b'mod oġġettiv li tagħmel dan sabiex tippoteġi d-drittijiet tagħha skont dak ir-Regolament⁷².
- 49 L-SA Awstrijaka tfakkar ukoll deċiżjoni nazzjonali oħra fejn il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Awstrija "sostniet li l-intenzjoni abbużiva teżisti jekk ir-raġunijiet deċiżivi għas-sottomissjoni mill-ilmentatur ta' numru kbir ta' lmenti dwar il-protezzjoni tad-*data* ma jkunux fl-inseguwiment tad-drittijiet mogħtija lil jew lilha mill-GDPR, u jekk l-ilmentatur ma kienx jissottometti dan in-numru kbir ta' lmenti mingħajr dawk il-motivi estranji⁷³. F'dan ir-rigward, l-SA Awstrijaka tfakkar ukoll każ fejn l-SA Awstrijaka nnifisha kkonfermat l-eżistenza ta' intenzjoni abbużiva⁷⁴.
- 50 L-SA Awstrijaka tqis li "[fil-każ preżenti ... ebda skop li mhux relatat mal-protezzjoni tad-*data* mhuwiex qed jintlaħaq billi wieħed jeżerċita d-dritt li jressaq ilment skont l-Artikolu 77 tal-GDPR]" u li, għall-kuntrarju, "organizzazzjonijiet bħal NOYB huma maħsuba li jiġu stabbiliti b'mod preċiż għall-iskop li jaġixxu fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* rigward il-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom"⁷⁵.
- 51 Skont l-SA Awstrijaka, fir-rigward tal-Istati Membri fejn l-Artikolu 80(2) tal-GDPR ma ġiex traspost fil-liġi nazzjonali, "NOYB m'għandu kważi ebda possibbiltà oħra ħliet li jinvestiga b'mod sistematiku ċerti ksur minn qabel u mbagħad iressaq l-ilmenti"⁷⁶. L-AT Awstrijaka targumenta li "dan jirriżulta wkoll mill-fatt li matul proċedura ta' lment, ċerta evidenza trid tiġi pprovduta mill-ilmentatur" u "fil-kuntest ta' żjara fuq is-sit web, tali evidenza tista' tiġi sottomessa biss jekk jinħolqu ritratti tal-iskrin u fajls tal-illoggjar fil-ħin stess taż-żjara fuq is-sit web"⁷⁷.
- 52 Fil-fehma tal-SA Awstrijaka, l-eżistenza tal-Artikolu 80(2) tal-GDPR "ma twassalx għall-konklużjoni li r-rappreżentazzjoni skont l-Artikolu 80(1) tal-GDPR ma tistax isseħħ b'mod sistematiku u tiġi organizzata skont oqsma tematiċi speċifiċi" bħall-"Ilmenti dwar il-Banner tal-Cookies"⁷⁸.
- 53 L-SA Awstrijaka tissottolinja aktar il-fehma tagħha li, irrispettivament mir-rappreżentazzjoni ta' NOYB, is-suġġett tad-*data* huwa affettwat b'mod negattiv peress li l-banner tal-cookies fuq is-sit web tal-Kontrollur ma kienx konformi mal-GDPR⁷⁹. Skont l-AT Awstrijaka, l-imġiba tas-

71 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 4, li tirreferi għall-Qorti Federali Amministrattiva Awstrijaka (BVwG), 18 ta' Awwissu 2020, W137 2264614-1. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota l-osservazzjoni tal-VRT li r-referenza għal din id-deċiżjoni tal-aħħar tidher li hija skorretta peress li tirreferi għal każ mit-30 ta' Ġunju 2023, u b'hekk mhux għall-2025 jew għall-2020 (is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 65 tal-VRT tal-1 ta' Diċembru 2025, il-paragrafi 29 u 30 tal-VRT). Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, l-EDPB tiddependi fuq ir-raġunar tagħha fis-Sezzjoni 4.4.2 ta' din id-Deċiżjoni Vinkolanti hawn taħt, fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mhux fuq il-ġurisprudenza nazzjonali.

72 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 4, li tirreferi għall-Ġudizzju tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ *Österreichische Datenschutzbehörde v F R*, C-416/23, ECLI:EU:C:2025:3, paragrafi 49 u sussegwenti.

73 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 5, li tirreferi għall-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Awstrija (VwGH), 29 ta' Jannar 2025, Ra 2023/04/0002-1.

74 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 5, li tirreferi għall-SA Awstrijaka, 21 ta' Frar 2023, 2023-0.137.735.

75 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 5.

76 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 5.

77 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 5.

78 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka Sezzjoni III, paġna 5.

79 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka Sezzjoni III, paġna 5.

Suġġett tad-*Data* tista' tkun raġuni għaliex ma jinholqx dritt għal kumpens skont l-Artikolu 82 tal-GDPR minħabba l-aċċess deliberat għas-sit web, iżda l-ksur oġġettiv tal-GDPR jibqa' għaddej għax 'il-kundizzjonijiet għal kunsens validu skont il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* u, konsekwentement, il-legalità tal-ipproċessar, ma ġewx issodisfatti⁸⁰.

- 54 Barra minn hekk, l-SA Awstrijaka tgħid li l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR tinsab f'periklu jekk ċerti SAs, bħal, għall-inqas f'dan il-każ, l-SA Belġjana, jiċċdu lmenti fuq bażi ta' abbuż apparenti tal-liġi, filwaqt li oħrajn jeżaminaw ilmenti simili jew anke identiċi fuq il-mertu tagħhom⁸¹.

4.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjoni

- 55 L-SA Belġjana tikkunsidra li l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka kontra ċ-ċaħda tal-Ilment minħabba li l-każ jinvolvi abbuż apparenti tal-liġi tikkostitwixxi oġġezzjoni rilevanti u motivata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁸². Madankollu, l-SA Belġjana tgħid li ma għandhiex l-intenzjoni li ssegwi l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka minħabba d-differenzi fil-ġurisprudenza nazzjonali fil-Belġju u fl-Awstrija rigward din il-kwistjoni⁸³.

4.4 Analiżi tal-EDPB

4.4.1 Valutazzjoni dwar jekk l-oġġezzjoni kinitx rilevanti u motivata

- 56 L-oġġezzjoni mqajma mill-SA Awstrijaka tikkonċerna, fil-qosor, jekk l-Abbozz ta' Deċiżjoni jipprevedix b'mod xieraq iċ-ċaħda tal-Ilment.
- 57 L-EDPB jieħu nota tal-fehma tal-VRT li l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka ma tissodisfax il-livell limitu stabbilit mill-Artikolu 4(24) tal-GDPR⁸⁴ u tal-fehma ta' NOYB li, min-naħa l-oħra, hija "rilevanti u motivata"⁸⁵.
- 58 Il-fehma tal-VRT hija li l-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka mhijiex rilevanti minħabba li għandha biss kummenti astratti u wesgħin li mhumix speċifikament relatati mal-fatti u l-analiżi legali tal-Abbozz ta' Deciżjoni⁸⁶. Il-VRT tinnota li l-oġġezzjoni topponi biss l-eżitu tal-Abbozz ta' Deċiżjoni (jiġifieri ċ-ċaħda tal-ilment), iżda l-SA Awstrijaka ma tispjegax għaliex ir-raġunament tal-LSA fl-Abbozz ta' Deċiżjoni ma jkunx korrett jew għaliex l-LSA kellha tagħmel valutazzjoni oħra taċ-ċirkostanzi fattwali ddikjarati fl-Abbozz ta' Deciżjoni⁸⁷. Barra minn hekk, fil-fehma tal-VRT, ma hemm l-ebda dimostrazzjoni ċara ta' x'inhuma l-allegati żbalji legali jew fattwali fl-Abbozz ta' Deciżjoni⁸⁸. Fir-rigward tas-suġġett tal-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, il-VRT

80 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġni 5-6.

81 L-Oġġezzjoni tal-SA Awstrijaka, Sezzjoni III, paġna 3.

82 Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 8.

83 Riferiment mill-SA Belġjana lill-EDPB, paġna 8.

